# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 24** **DIĊEMBRU, 1967**


**IL-KELMA TAL-KAPPILLAN**

## IL-MILIED IT-TAJJEB LIL KULĦADD

Il-festa kbira tal-Milied reġgħet magħna. Dan iż-żmien sabiħ jimlielna qalbha bil-ferħ. It-tifkira tal-miġja ta' Ġesù Bambin fostna tqanqalna biex fuq l-eżempju tiegħu ngħixu l-imħabba. L-imħabba nisranija li kollox tagħder, kollox taħfer, ma żżommx f'qalbha u dejjem lesta biex tgħin. Huwa ż-żmien li jġegħelna nneħħu minn fuqna l-egoiżmu li ma jħalliniex ngħixu kif imissna l-imħabba nisranija. Dan huwa l-programm li fuqu nixtieq nara lil kull membru tal-parroċċa jfassal ħajtu.

Il-Milied it-tajjeb lil kulħadd: lill-kapijiet tal-familji li bil-għaraq ta' xbinhom jaqilgħu l-għajxien għall-għeżież tagħhom; lin-nisa tad-dar li bis-sabar u l-paċenzja tagħhom jieħdu ħsieb il-familji; liż-żgħażagħ, ġuvintur u xebbiet; lit-tfal, subien u bniet; lill-morda tagħna; lil dawk li m'għandhomx xogħol; lill-emigranti tagħna; lill-benefatturi tagħna li b'mezzi diversi qed igħinuna fil-bżonnijiet tagħna tal-parroċċa, speċjalment fil-bini tal-Knisja l-ġdid; lil kulħadd minn qalbi nixtieq: IL-MILIED IT-TAJJEB.

Tkunu mberkin.

IL-KAPPILLAN.

**Tonqsux li tieħdu sehem fil-funzjonijiet li sa jsiru fil-KNISJA L-ĠDIDA fil-Milied. Ikun hemm post għal kulħadd. Araw il programm f'parti oħra ta' "Leħen il-Parroċċa".**

## X'SER IKOLLNA F'DIĊEMBRU

**8 ta' Diċembru**

Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja tal-Kunċizzjoni. Fid-9.00 a.m. Quddiesa Kantata bil-ministri. Fil-5.00 p.m. Għasar, Paniġirku, Antifona u Barka Sagramentali. Jiffunzjonaw il-Komunitajiet Agostinjani ta' S. Rita u tal-Buon Konsill.

**14 ta' Diċembru:**

Jaħbat l-anniversarju tal-mewt ta' Dun Arthur. Niftakru fih fit-talb tagħna.

**15-23 ta' Diċembru:**

Tibda n-Novena tal-Milied li bħas-soltu noffruha għall-benefatturi tal-Knisja l-ġdida tagħna. Kuljum fis-6.00 p.m. ikollna r-Ružarju, in-Novena tal-Bambin u l-Barka Sagramentali.; u fis-6.30 p.m. ikollna l-Quddiesa Kantata li fiha jkantaw il-Pueri Cantores tagħna.

**24 ta' Diċembru: Lejlet il-Milied:**

Il-funzjonijiet isiru fil-Knisja l-ġdida. *Ara l-programm f'parti oħra ta' dan il-ġurnal*

**30 ta' Diċembru:**

Jibdew il-Kwaranturi li jkomplu l-għada u l-pitgħada. Matul il-ġurnata kollha Ġesù jkun espost, jistenniena li mmorru ninviżtawh.

**31 ta' Diċembru:**

Fis-6.00 p.m. Il-funzjoni ssir ukoll fil-Knisja l-ġdida. *Ara l-programm.*

**1 ta' Jannar:**

Ngħalqu l-Kwaranturi f'purċissjoni b'Ġesù Sagramentat. Nibdew il-Għasar fl-4.30 p.m.

---

## IL-MILIED FIL-KNISJA L-ĠDIDA

Din is-sena l-Milied sa jkollu tifsira speċjali għalina l-ġiljaniżi. Mat-twelid tal-Bambin sa naraw ukoll it-"twelid" tal-Knisja l-ġdida tagħna. Għalkemm għadha mhix lesta minn kollox, imma issa qarrbet sewwa lejn it-tmiem. Lestejna x-xogħol tal-kisi u tat-tibjid, l-installazzjoni ta' l-elettriku u ta' l-ilma, id-drenaġġ, it-twieqi u l-bibien (barra l-bieb il-maġġur), il-paviment bil-madum tal-mużajk, u għandna ordnat l-irħam tal-presbiterju u ta' l-artal, li ma jdumx ma jasal. Għandna ordnati wkoll il-bankijiet u l-konfessjunarji. Dan l-aħħar waslilna wkoll l-orgni li kien ilu ordnat madwar erba' snin.

Dax-xogħol kollu sar matul is-sena li għaddiet. Mhux ta' b'xejn għandna l-bwiet xotti bħalissa, barra milli baqgħalna ħafna kontijiet li qed jistennew it-turn tagħhom biex jitħallsu. Għalhekk tonqsux li mar-rigali l-oħra li tagħtu fil-Milied, taħsbu wkoll fil-*birthday present* għall-Knisja l-ġdida.

Il-programm tal-Milied fil-Knisja l-ġdida sa jkun dan li ġej:

**24 ta' Diċembru: Lejlet il-Milied:**

11.00 p.m. Velja Biblika: Qari ta' lezzjonijiet mill-Iskrittura; kant ta' Salmi u Carols. Din il-funzjoni tispiċċa bil-priedka tradizzjonali tat-tifel (li dis-sena sa jkun Victor Micallef) u l-purċissjoni bil-Bambin Ġesù.

12.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni.

**25 ta' Diċembru: Il-Milied:**

11.00 a.m. Konċelebrazzjoni Letta.

Matul dawn il-funzjonijiet il-kant ikun esegwit mis-St. Julian's Choir immexxi mis-Sur Joe Tabone Adami akkompanjat fuq l-orgni l-ġdid mis-Sur Louis Muscat.

*N.B.* — Fil-Knisja l-qadima jkun hemm il-Quddies fil-ħinijiet kollha tas-soltu.

**L-Erbgħa, 27 ta' Diċembru:**

7.00 p.m. Tberik ta' l-Orgni l-ġdid mill-E.T. Rev.ma Mons. M. Gonzi. Organ Recital mill-Kav. Dun Karm Xerri, organista tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

Programm ta' Christmas Carols mis-St. Julian's Choir. Diskors ta' l-okkażjoni mill-W.R. Dun Gwido Calleja, Kappillan ta' Stella Maris.

**Il-Hadd, 31 ta' Diċembru:**

6.00 p.m. Kant tal-Għasar.

6.30 p.m. Quddiesa letta.

7.00 p.m.Priedka ta' l-aħħar tas-sena mill-Kappillan, Dun Ġwann Galea, u wara *Te Deum.*

*N.B.* — Matul il-ġimgħa ta' wara l-Milied, i.e. mis-26 sat-30 ta' Diċembru, il-Knisja l-ġdida tkun miftuħa kuljum għall-pubbliku bejn l-4.00 p.m. u s-7.00 p.m. Wieħed ikun jista' jara wkoll il-presepju artistiku li sa jintrama fil-Kripta tal-Knisja mill-istudenti ta' St. Michael's Training College fuq disinn tas-Sur P. Briguglio.

---

## NIFIRHU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

21. 5. 67: Anthony Mifsud ma' Carmen J. Nappa.
28. 5. 67: Carmel Barbara ma' M. Assunta Borg.
3. 6. 67: Anthony Cassar ma' Evanġelista Mangion.
4. 6. 67: Joseph Mangani ma' Josephine Cardona.
24. 6. 67: David Tink ma' Josephine Sammut.
24. 6. 67: Alan F. Wells ma' M. Louise Galea.
24. 6. 67: John R. Phipps ma' Margaret Galea.
24. 6. 67: Joseph Schembri ma' Catherine Cini.
25. 6. 67: Ronald M. Allsopp ma' Joanna Antida Chircop.
1. 7. 67: Vincent Vassallo ma' Marianne Grech.
9. 7. 67: Louis Micallef ma' Doris Saliba.
16. 7. 67: Anthony Ciantar ma' Jennifer Calleja.

23. 7. 67: Carmel Demicoli ma' Doris Mifsud.
29. 7. 67: Godwin DeBattista ma' Frances Xavier Bugeja.
29. 7. 67: George Borg ma 'Lorenza Barbara.
3. 8. 67: Joseph Xerri ma' Maria Azzopardi.
12. 8. 67: Jarrard Strickland ma' Anne V. Cox.
13. 8. 67: Louis Brincat ma' Margaret Caruana.
15. 8. 67: Francis Cassar ma' M. Carmela Borg.
19. 8. 67: Peter Sharpe ma' Rosina Buhagiar.
25. 8. 67: Roger McKue ma' Maria Ivana Tabone.
10. 9. 67: Anthony Arpa ma' Marija Zammit.
23. 9. 67: Carmel Spiteri ma' M. Anna Turner.
30. 9. 67: George Grech ma' Josephine Xiberras.
22. 10. 67: Sunny Brincat ma' Mary Galea.
21. 10. 67: Norman Townsend ma' Emmanuela Taylor.
9. 11. 67: John Whitehead ma' Therese Frendo.
18. 11. 67: Jack Xerri ma' Doris Mizzi.

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

24. 5. 67: Michael Mifsud (62), ta' 124a, St. George's Road.
24. 5. 67: M. Antonia Sammut (77), ta' 1, St. George's Road.
1. 6. 67: Paul Zammit (73), ta' 76, Main Street.
3. 6. 67: John Bartolo (84), ta' 4, St. Rita Street.
7. 6. 67: Saviour Azzopardi (65), ta' 84, Spinola Road.
17. 7. 67: Anthony Fenech (58), ta' 41, Sacred Heart Avenue.
26. 7. 67: Marianna Attard (59), ta' 31, Old College Street.
7. 8. 67: Arthur Duncan (62), ta' 60, St. George's Road.
16. 8. 67: James Edward Clark (77), ta' 11, St. George's Road.
26. 8. 67: M. Concetta German (73), ta' 158, Old College Street.
27. 8. 67: Annunziata Tanti (79), ta' 35, Lapsi Street.
23. 9. 67: Marianna Bonnici (62), ta' 11, Mensija Street.
26. 9. 67: Bartolomeo Sammut (86), ta' 22, Carmel Street.
28. 9. 67: Catherine Blake (62), ta' "Priory Lodge", St. George's Bay.
18. 10. 67: Catherine Bugeja (70), ta' 59, Mensija Street.
21. 10. 67: Ignatius Anastasi (80), ta' 16, Sacred Heart Avenue.
1. 11. 67: Joseph Busuttil (74), ta' 45, Old College Street.
3. 11. 67: Mary Clark (70), ta' 11, St. George's Street.
4. 11. 67: George Grech (61), ta' 36, Old College Street.
19. 11. 67: Julian Manicolo (72), ta' 20, St. Elia Street.
20. 11. 67: Joseph Farrugia (68), ta' 80, Main Street.
27. 11. 67: Joseph Xiberras (93), ta' 19d, St. George's Road.

**Fis-16 u fis-17 ta' Diċembru sa jkollna fis-St. Julian's Hall il-FIERA-BAZAAR tal-Milied. Tonqsux li tagħtu titwila. Is-Sibt tiftaħ mill-4.00 p.m. 'il quddiem, u l-Ħadd mid-9.00 a.m. sa nofs in-nhar u wara nofs in-nhar mill-4.00 p.m. 'il quddiem.**

Stampat fl-"Empire Press", Istitut Kattoliku, Furjana